

# Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi



**Philip Schembri**
*Għalliem tal-Mużika*

Qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn tiegħi ftit ġimgħat qabel il-festa, wara perjodu ta' żmien fejn ma kienx possibbli li wieħed jippjana fit-tul. Il-pandemija kellha effett negattiv fuq kull qasam ta' ħajjitna, fixklitna u ħarbtitna. Sfortunatament ukoll, pjanijiet li kellna għas-sena l-oħra u li ġew posposti għal din is-sena reġgħu sfaxxaw. Tinħass diqa kbira għax erġajna ma nistgħux niċċelebraw il-festa għażiża tagħna fin-normalità tagħha. Però, jidher li almenu l-festa interna fil-knisja tagħna ser jirnexxilna niċċelebrawha skont il-miżuri u r-restrizzjonijiet imposti fuqna mill-awtoritajiet tas-saħħa.

Grazzi għall-mezzi teknoloġiċi, bħas-sena l-oħra, it-tagħlim baqa' għaddej filwaqt li komplejna naddattaw rwieħna għal mod differenti ta' tagħlim. Nittamaw li kemm jista' jkun ma ndumux nistennew fit-tul sabiex nerġgħu lura għan-normalità tant mixtieqa minna l-għalliema u l-istudenti tagħna.

Ninsab imnikket għall-aħħar għall-aħbar li s-soċjetà tagħna tilfet żewġ membri tal-kumitat li kienu pilastri u li żgur li n-nuqqas tagħhom ser jinħass. Is-Sur John Schembri (Ġanni) li għal ħafna snin serva bħala Direttur - bniedem li flimkien mal-familja tiegħu kien jagħti saħħtu għas-soċjetà tagħna u li kien ta' karattru serju u fl-istess waqt dħuli. Riċentament tlifna wkoll lis-Sur Anthony Caruana (il-Ħuttu) li serva għal snin twal ħafna fil-kumitat f'diversi karigi u li għal żmien twil ħafna kien ukoll bandist. Toni kien ta' eżempju kbir għalina bl-impenn u d-dedikazzjoni li kellu lejn l-għaqda tagħna, tista' tgħid sal-aħħar ta' ħajtu. Jagħtihom il-Mulej il-mistrieħ ta' dejjem u nagħti l-kondoljanzi tiegħi lill-familji u lill-qraba tagħhom.

Is-soċjetà tagħna f'dawn iż-żminijiet koroh li għaddejjin minnhom kienet reżiljenti u fejn setgħet kompliet taħdem għax din hija għaqda ħajja.

Grazzi lil kulħadd u l-festa t-tajba.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEHA

**Heġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial**



CrossKeys
RESTAURANT · PIZZERIA · INDIAN CUISINE
Tel: 21523744 (Restaurant)
21522605 (Pizzeria & Indian)

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**

# Mark Taliana

## Gardener

*For professional gardening,*

*maintenance & landscaping.*

*Also supplier of fresh water.*




Mob: **7783 0983**